# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat**

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 61 (Laqgħa b'urgenza)

**It-Tlieta 7 ta' Frar 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-2.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Frances Galea – Viċi Sindku
Margaret Said – Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 61 (Laqgħa b'urġenza)

1. Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2016

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa.

### 61.1 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2016

61.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-2.00 p.m., wara ntqalet it-talba tal-bidu.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv informaħ li l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Said infurmawħ bil-miktub li ma jistgħux jattendu għal din il-laqgħa b'urġenza. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni dwar dan. Il-Kunsill aċċetta l-ittri ta' apoloġija taż-żewġ membri.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu kien bgħat permezz tal-imejl ir-Rapport Finanzjarju Annwali 2016 lill-Kunsillieri kollha. Għal din il-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv talab ukoll lill-Accountant tal-Kunsill, is-Sinjura Pauliana Said biex tattendi u tagħti spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2016 fid-dettal. Is-Sindku talab lis-Sinjura Said biex tispjega dan. Is-Sinjura Said bdiet billi l-ewwel spjegat ukoll ir-rapport ta' kull kwart Ott-Diċ 2016 u l-Estimi Finanzjarji 2017 wara spjegat fid-dettal ir-Rapport Finanzjarju Annwali 2016 u qalet li f'dan ir-rapport il-Kunsill għandu żbilanċ ta' €19988 u li dan ir-riżultat ma kienx mistenni li jsir.

Is-Sindku spjega li sar eżerċizzju mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Accountant fejn rajna l-infieq x'kien u rriżulta li ħafna mill-infieq sar għal darba u li mhux se jirrepeti. Il-Kunsill iddiskuta minn fejn ġie dan l-iżbilanċ u li dan irrizulta minn infieq li sar fosthom f'attivitajiet kulturali bħal ma kien l-programm tal-ġemellaġġ li l-Kunsill rebaħ permezz ta' fondi ewropej, stampar fosthom il-kotba tal-Innu Ta' Sannat u tal-kunċert ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri, ir-referendum li l-Kunsill wettaq biex jikseb riżultat ta' x'posizzjoni għandu jieħu dwar l-iżvilupp Ta' Ċenċ u nfieq ieħor li l-Kunsill ser jgħamel kull meżż li ma jerġax isir.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex il-Kunsill jgħamel l-almu tiegħu kollu biex f'din is-sena 2017 il-Kunsill jimxi mal-budġit biex il-Kunsill ma jerġax joħroġ bi żbilanċ fl-2017. Il-Kunsill qabel li mhux ser jidħol għall-proġetti kapitali jekk mhux ser ikun rimbursat l-ammont globali għal kull nefqa.

Is-Sindku qal ukoll li matul din is-sena 2016, l-Kunsill ħadem bla waqfien.

Wara li dan ir-rapport ġie moqri u spjegat fid-dettal mill-Accountant, dan ġie approvat unanimament mis-Sindku u l-Kunsillieri preżenti biex jintbgħat fil-ħin lill-Awdituri, lill-Awditur Ġenerali u lid-Direttur – Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Din l-laqgħa spiċċat fis-2.50 p.m.

Konfermati, illum it-Tnejn 20 ta' Frar 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |